**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONI ABELA LL.D.**

**Rikors numru 1251/2023TA**
**Fl-atti ta' Mandat ta' Sekwestru 405/2023:**

**Chloris Portelli**
**Vs**
**Ramon Azzopardi et**

**Il-Qorti;**

Reġgħet rat ir-rikors;

Rat il-verbal tal-4 ta' Diċembru 2023 meta l-Qorti ħalliet ir-rikors għal digriet in camera.

Rat li meta dakinhar ir-rikors tħalla' għal digriet in camera l-intimata la dehret u lanqas għamlet risposta.

Rat li waqt li r-rikors kien tħalla' għal digriet l-intimata preżentat rikors fis-6 ta' Diċembru 2023 fejn għal raġunijiet hemm indikati talbet lil din il-Qorti biex tirrikonsidra li terġa' tipprovdi terminu.

Rat li laqgħet it-talba b'digriet tat-22 ta' Jannar 2024. Veru li l-intimata ma kinitx notifikata bir-riappuntament, iżda ġja la darba r-rikors kien tagħha kellha ssegwi l-ordnijiet li tat din il-Qorti.

Ir-riappuntament ingħata ġimgħatejn qabel il-ġurnata tas-smiegħ, b'dan kollhu dehrilha li ma kellhix issegwi proċeduri li għamlet hi stess meta kellha kull interess.

Illi di pui’, minn riċerka li għamlet din il-Qorti jirriżultalha li l-kawża numru 230/2023 ġiet ċeduta mill-imsemmija Chloris Portelli fid-9 ta’ Frar 2024.

Illi kif jirriżulta mir-rikors għal riappuntament tal-intimata dawn il-proċeduri huma mal-proċeduri bin-numru 320/23 kif inghad.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna li jinħareġ il-kontro-mandat opportun filwaqt li fiċ-ċirkostanzi qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba.

Spejjeż ta’ din il-proċedura għall-intimata.

Illum 19 ta’ Frar 2024

**Onor. Imhallef Toni Abela LL.D.**